Kriterja	Għan	Punti	Punteġġ
Numru ta' impjegati li jaħdmu fl-intrapriża f'dawn l-aħħar sentejn	Impjegati		
	>51	10	
	31>50	15	
	11>30	10	
	6>10	5	
	1 > 5	2	

• Għaxar punti żejda jiġu mogħtija lil dawk il-proġetti li jsegwu l-azzjoni t'eliġibilta taħt dawn il-gwidi.

• Ħamsin punt żejda jiġu mogħtija lill-applikanti li jkunu koperattivi tas-sajd.

Punteġġ Finali li se jingħata

Criterion	Range	Points	Score
Number of employees that work with the enterprise in the last two years	Employees		
	>51	10	
	31>50	15	
	11>30	10	
	6>10	5	
	1 > 5	2	

• An extra ten points will be given to those projects abiding by the eligible action mentioned in these guidelines.

• An extra 50 points will be given to those applicants who happen to be a cooperative.

Final Score which will be awarded

Programm ta' Fondi Strutturali għal Malta 2004-2006
Proġett Part-Finanzjat mill-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent u mill-Unjoni Ewropea
Structural Funds Programme for Malta 2004-2006
Project Part-Financed by the Ministry for Rural Affairs and the Environment and by the European Union

Il-11 ta' Jannar, 2008

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET RURALI U L-AMBJENT

Rikonoxximent ta' l-Għaqda ta' Produtturi

Ngħarrfu b'dan għall-informazzjoni ta' kulħadd illi fis-17 ta' Diċembru, 2007 id-Direttur ta' l-Agrikoltura, skond l-Att IX ta' l-2002 u A.L. 237 ta' l-2007 irrikonoxxa "Organizzazzjoni Produtturi Laħam tal-Fenek Malti" bħala Għaqda tal-Produtturi bl-indirizz uffiċjali:

Tal-Ħerba,
Lapsi Road,
L/O Siġġiewi

Dan il-Grupp ta' Produtturi ġie rreġistrat fir-Reġistru Nazzjonali ta' l-Għaqdiet tal-Produtturi fil-kategorija:

"(viii) Laħam tal-Fniek skond ir-regolament 237 ta' 2007 dwar l-Organizzazzjonijiet tal-Produtturi (Ċertu Prodotti)".

Il-11 ta' Jannar, 2008

11th January, 2008

MINISTRY FOR RURAL AFFAIRS AND THE ENVIRONMENT

Recognition of Producers' Group

It is hereby notified for general information that on the 17th December 2007, in accordance with Act IX of 2002, the Director of Agriculture has recognised "Organizzazzjoni Produtturi Laħam tal-Fenek Malti" as a Producer Group with the following official address:

Tal-Ħerba,
Lapsi Road,
L/O Siġġiewi

The Producer Group was registered in the National Register of Producer Organisations within category:

"(viii) Rabbit meat according to Legal Notice 237 of 2007 about Producer Organisations (Certain Products) Regulations, 2007.

11th January, 2008

DIPARTIMENT TA' L-INFORMAZZJONI

L-Atti, l-Avviżi Legali u l-Bye-Laws tas-Sena 2007 fuq *Compact Discs*

Id-Dipartiment ta' l-Informazzjoni jgħarraf illi sal-bidu ta' Frar 2007 se joħroġ l-Atti, l-Avviżi Legali u l-Bye-Laws ippubblikati fl-2007, fuq żewġ *compact discs*.

Waħda mill-*compact discs* fiha t-32 Att mgħoddija mill-Parlament fl-2007 waqt li l-oħra fiha l-448 Avviż Legali u 5 Bye-Laws tal-Kunsilli Lokali ppubblikati matul l-istess sena.

Kull *compact disc* tista' tinxtara separatament għal €13.98 (Lm6). Iżda bħala offerta ta' qabel il-pubblikazzjoni, dawk li jordnaw iż-żewġ *compact discs* sa l-aħħar ta' Jannar, ikunu jistgħu jixtruhom għall-prezz speċjali ta' €19.80 (Lm8.50). Kull min huwa interessat jista' jordnahom billi jibgħat il-ħlas indirizzat lid-Direttur ta' l-Informazzjoni, 3, Pjazza Kastilja, Valletta.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb billi wieħed iċempel *Freephone* 153 jew billi jibgħat *e-mail* lil info.doi@gov.mt.

Il-11 ta' Jannar, 2008

DEPARTMENT OF INFORMATION

Acts, Legal Notices and Bye-Laws issued during 2007 on Compact Disc

The Department of Information notifies that, by the beginning of February 2007, it will be publishing all the Acts, Legal Notices and Bye-Laws, issued during 2007, on two compact discs.

One of the CD's contains the 32 Acts passed in Parliament in 2007 whilst the other includes all the 448 Legal Notices and 5 Local Council Bye-Laws issued during the same year.

Any one compact disc can be bought separately for €13.98 (Lm6). However, persons who book the set of two compact discs by the end of January, will be able to get them for the special price of €19.80 (Lm8.50). All those interested are invited to secure a booking by forwarding payment addressed to the Director of Information, 3, Castille Place, Valletta.

Further information can be obtained by calling Freephone 153 or by sending an e-mail to info.doi@gov.mt.

11th January, 2008

DIVIŻJONI TA' L-EDUKAZZJONI

Eżami għad-Dħul fil-Junior Lyceum – 2008

Id-Direttur Ġenerali ta' l-Edukazzjoni jgħarraf li l-Eżami għad-Dħul fl-Ewwel Klassi tal-Junior Lyceum se jsir kif jidher hawn taħt:-

It-Tnejn, 5 ta' Mejju, 2008	-	Studji Soċjali
It-Tlieta, 6 ta' Mejju, 2008	-	Malti
L-Erbgħa, 7 ta' Mejju, 2008	-	Ingliż
Il-Ħamis, 8 ta' Mejju, 2008	-	Matematika
Il-Ġimgħa, 9 ta' Mejju, 2008	-	Reliġjon

L-applikazzjonijiet biex wieħed joqgħod għal dan l-eżami jinkisbu mid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, il-Furjana (Customer Care Unit) minn nhar it-Tnejn, l-14 sal-Ġimgħa t-18 ta' Jannar 2008. Il-formoli ta' l-applikazzjoni, mimlijin kif meħtieġ, għandhom jingħataw lura lill-Customer Care Unit sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, l-1 ta' Frar, 2008. Applikazzjonijiet li jaslu tard jew li jintbagħtu bil-posta ma jiġux ikkunsidrati.

Fil-każ ta' Għawdex, il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju ta' l-Edukazzjoni fir-Rabat, matul l-istess żmien.

EDUCATION DIVISION

Entrance Examination into the Junior Lyceum - 2008

The Director General (Education) notifies that the Junior Lyceum Entrance Examination into Form One will be held as shown hereunder:-

Monday, 5th May, 2008	-	Social Studies
Tuesday, 6th May, 2008	-	Maltese
Wednesday, 7th May, 2008	-	English
Thursday, 8th May, 2008	-	Mathematics
Friday, 9th May, 2008	-	Religion

Applications to sit for this examination are obtainable from the Education Division, Floriana (Customer Care Unit) from Monday 14th to Friday 18th January 2008. Application forms, duly filled in, should be handed back to the Customer Care Unit by not later than noon on Friday 1st February 2008. Late applications or applications sent by post will not be considered.

In the case of Gozo, application forms may be obtained from the Education Office at Victoria, during the same period.

Biex ikunu jistgħu joqogħdu għal dan l-eżami, l-applikanti jridu jkunu twieldu fl-1996 jew fl-1997 u jridu jkunu temmew ta' l-anqas is-Sitt Sena tal-Primarja. Kandidati li twieldu qabel l-1996 jistgħu japplikaw biss jekk se joqogħdu għall-eżami għall-ewwel darba. Fil-każ ta' kandidati mill-Iskejjel Sekondarji u dawk Privati li mhux se jkunu ċentri ta' l-eżami, mal-formola ta' l-applikazzjoni, iridu jiġu ppreżentati ċertifikat tat-twelid ta' l-applikant/a u ritratt tiegħu/tagħha awtentikat (daqs tal-passaport).

Aktar tard l-applikanti jiġu mgħarrfa l-ħin u fejn għandhom imorru biex jagħmlu l-eżami.

Dawk il-ġenituri li jidhrilhom li wliedhom ma għandhomx ikunu mġiegħla joqogħdu għall-karta tar-Reliġjon, għandhom jiktbu lid-Direttur Ġenerali għall-Kwalità u l-I*standards* ta' l-Edukazzjoni. Kopja ta' din l-ittra trid tinhemeż ma' l-applikazzjoni.

Ir-riżultati jiġu ppubblikati t-Tnejn, 23 ta' Ġunju 2008.

Is-sillabu huwa dak tas-Sitt Sena ta' l-Iskejjel Primarji ta' l-Istat. Kopji tiegħu jinstabu fl-Iskejjel Primarji ta' l-Istat, fil-libreriji tal-lokal, u fil-libreriji pubbliċi tal-Belt Valletta, tal-Furjana u tar-Rabat, Għawdex. Jinstabu wkoll għall-bejgħ mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni, Valletta u Rabat, Għawdex.

Il-11 ta' Jannar, 2008

In order to be able to sit for this examination, applicants must have been born in 1996 or 1997 and must have finished at least Year Six Primary. Candidates born before 1996 may apply only if they are sitting the examination for the first time. In the case of candidates from State Secondary Schools and Non-State Schools which are not going to be examination centres, the applicant's birth certificate and his/her authenticated photograph (passport size) should be forwarded with the application form.

Applicants will be informed about the time and place of the examination later on.

Those parents who feel that their children should not be obliged to sit for the Religion paper, are to write to the Director General for Quality and Standards in Education. A copy of this letter must be attached to the application form.

Results will be published on Monday, 23rd June 2008.

The syllabus is that of Year Six State Primary Schools. Copies of the said syllabus are available at State Primary Schools, local libraries and the public libraries of Valletta, Floriana and Victoria, Gozo. They are also available for sale from the Department of Information, Valletta and Victoria, Gozo.

11th January, 2008

DIPARTIMENT TAL-PULIZIJA

Din li ġejja hija lista ta' offerti dipartimentali mogħtija mid-Dipartiment tal-Pulizija matul il-perijodu Lulju u Diċembru 2007.

POLICE DEPARTMENT

The following is a list of departmental tenders awarded by the Police Department during the period July and December 2007.

Offerta *Tender*	Nru. *No.*	Mogħtija lil *Awarded to*	Prezz *Price*	Data Mogħtija *Award date*
Waterproof jackets	3/07	Merc Trading	€41,299.79 (Lm17,730)	08.10.2007
Socks	4/07	Astor Co Ltd	€20,358.72 (Lm8,740)	21.08.2007
Sirens for cars	5/07	Pace Associates Ltd	€5,717.49 (Lm2,454.52)	08.08.2007
Winter trousers and skirts	6/07	all offers rejected		
Winter trousers and skirts (Fresh call)	7/07	Astor Co Ltd	€33,658.56 (Lm14,449.62)	31.12.2007
		Yorkie Clothing Ind	€8,333.33 (Lm3,577.50)	31.12.2007

Il-11 ta' Jannar, 2008

11th January, 2008

DIVIŻJONI TAS-SAĦĦA

Lista ta' offerti mogħtija mit-Taqsima tas-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern matul Diċembru 2007.

HEALTH DIVISION

List of tendaers awarded by the Government Pharmaceutical Services Section during December 2007.

Natura ta' l-oġġett *Nature of item*	Kuntrattur *Contractor*
Amicator swabs	Drugsales Ltd. - Lija
Crotamiton cream 10%	Associated Drug Co. Ltd. - Valletta
Lignocaine hydrochloride 2% with adrenaline 1 in 200,000 inj	P & D Pharmaceuticals Ltd. - UK
Catheters suction size 12fg	Pharma-Cos Ltd. - St. Venera
Oestrogens cream conjugated	Miller & Miller (Chemicals) Ltd. - UK
Promethazine hydrochloride oral solution	P & D Pharmaceuticals Ltd. - UK
Didanosine 125mg capsules	P & D Pharmaceuticals Ltd. - UK
Phenytoin sodium 300mg capsules	V.J. Salomone Pharma Ltd. - Valletta
Hydrocortisone, urea and lactic acid cream	Medicem Ltd. - Marsascala
Fluconazole 50mg/5ml oral suspension	V.J. Salomone Pharma Ltd. - Valletta
Ceftriaxone 500mg IV injections	George Borg Barthet Ltd. - Luqa
Rabies vaccine	Cherubino Ltd. - Gżira
Fistula needles 15g	Healthsphere Ltd. - Attard
Fluconazole 50mg capsules	Charles De Giorgio Ltd. - Birkirkara
Trimipramine 25mg tablets	Medicem Ltd. - Marsaskala
Bags urine drainage	Associated Equipment Ltd. - San Ġwann
Rinse aide	Vernon-Carus (Malta) Ltd. - St. Julians
Tray liners extra protection	Vernon-Carus (Malta) Ltd. - St. Julians
Trucut biopsy needles	Krypton Chemists Ltd. - St. Andrews
Self-adhesive fabric sheets - 20cm x 10m	Pharma-Cos Ltd. - St. Venera
Neonatal cuffs for siemens monitor	Charles De Giorgio Ltd. - Birkirkara
Universal shoulder immobilizer	Pharma-Cos Ltd. - St. Venera
Prolene 28807	A. M. Mangion Ltd. - Luqa
Couvelaire catheters	Pharma-Cos Ltd. - St. Venera
Drapes for infective cases 150 x 180cm	Pharma-Cos Ltd. - St. Venera
Disposable airways	Atg Co. Ltd. - San Ġwann
Prolene W 8721	A. M. Mangion Ltd. - Luqa
Phototherapy eye protector, size 33 - 42cms	Associated Equipment Ltd. - San Ġwann
Wilson spinal surgery frame kit	Associated Equipment Ltd. - San Ġwann
Urokinase 60,000 I.U. injections	Pharmachemic Trading Agency - Rabat
Fluoroscope drapes	Europharma Ltd. - Birkirkara
Preformed north nasal cuffed and plain ETT	Pharma-Cos Ltd. - St. Venera
Disposable varices injectors	Associated Equipment Ltd. - San Ġwann
Biliary sten sets	Technoline Ltd. - Gżira
Butterfly infusion sets size 23g	Micar Medics Ltd. - San Ġwann
BTE hearing aids for adults with mild to moderate hearing loss	Charles De Giorgio Ltd. - Birkirkara
Vacuum drain latex connector	Pharma-Cos Ltd. - St. Venera
Needle protector	Vernon-Carus (Malta) Ltd. - St. Julians
Re-do sternotomy saw	Technoline Ltd. - Gżira
Metoclopramide hydrchloride 10mg tablets	Europharma Ltd. - Birkirkara
Sharp containers 11 lts	Pharma-Cos Ltd. - St. Venera
Coiled peritoneal dialysis catheters	Associated Equipment Ltd. - San Ġwann
Double loop stents FR6	Pharma-Cos Ltd. - St. Venera
Discard a pad	Pharma-Cos Ltd. - St. Venera

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf illi, b'riferenza għall-avviżi li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin fil-ġranet u d-dati indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana:

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, il-15 ta' Jannar, 2008, għal:

CT 398/2007. Provvista ta' 0.9% *sodium chloride x 100ml IV infusion* - Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fis-16 ta' Novembru 2007.

CT 399/2007. Provvista ta' *5% dextrose x 1000ml IV infusion* - Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fis-16 ta' Novembru 2007.

CT 400/2007. Kampanja pubblikċitarja u *marketing* tal-*Employment Aid Programme* - Korporazzjoni għat-Taħriġ u Impieg. Irid jitħallas dritt ta' €58.24 (Lm25) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Dan huwa *Services Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din hi offerta mħallsa parzjalment mill-Unjoni Ewropea taħt il-Programm Fond Soċjali Ewropew.

(*Budget* Allokat: €497,720.57 (Lm213,669.00) mingħajr V.A.T.).

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-20 ta' Novembru 2007.

CT401/2007. Provvista ta' *proseal laryngeal masks airways*, Qies: 3, 4 u 5 - Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-20 ta' Novembru 2007.

CT 402/2007. Provvista ta' servizzi ta' taħriġ biex jiġi estiż il-Merħba Customer Care Training Programme - Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta. Irid jitħallas dritt ta' €58.24 (Lm25) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Dan huwa *Services Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din hi offerta mħallsa parzjalment mill-Unjoni Ewropea taħt il-Programm tal-Fondi Strutturali/*Cohesion*.

(*Budget* Allokat: €110,646.50 (Lm47,500.00) bil-V.A.T.).

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-22 ta' Jannar, 2008, għal:

CT 407/2007. Servizzi ta' tindif għas-siti kollha tal-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u t-Teknoloġija - Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u t-Teknoloġija. Irid jitħallas dritt ta' €93.18 (Lm40) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

DEPARTMENT OF CONTRACTS

The Director General (Contracts) notifies that sealed tenders in respect of the following Advt.isements will be received on the days and dates indicated below. Tenders are to be dropped in the Tender Box of the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana:

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 15th January, 2008, for:

CT 398/2007. Supply of 0.9% sodium chloride x 100ml IV infusion - Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on 16th November 2007.

CT 399/2007. Supply of 5% dextrose x 1000ml IV infusion - Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on 16th November 2007.

CT 400/2007. Publicity campaign and marketing of the Employment Aid Programme - Employment and Training Corporation. A fee of €58.24 (Lm25) will be charged for each copy of tender document.

This is a Services Notice under the International Open Tender Procedure. This tender is part-financed by the European Union under the European Social Fund Programme.

(Allocated Budget: €497,720.57 (Lm213,669.00) excluding V.A.T.).

The EU Contract Notice was dispatched on 20th November 2007.

CT 401/2007. Supply of proseal laryngeal masks airways, size: 3, 4 and 5 - Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on 20th November 2007.

CT 402/2007. Supply of training services in order to extend Merħba Customer Care Training Programme - Malta Tourism Authority. A fee of €58.24 (Lm25) will be charged for each copy of tender document.

This is a Services Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender is part-financed by the European Union under the Structural/Cohesion Funds Programme.

(Allocated Budget:€110,646.50 (Lm47,500.00) including V.A.T.).

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 22nd January, 2008, for:

CT 407/2007. Cleaning services for all Malta College of Arts, Science and Technology sites - Malta College of Arts, Science and Technology. A fee of €93.18 (Lm40) will be charged for each copy of tender document.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-28 ta' Novembru 2007.

CT 409/2007. Provvista ta' *pullovers* ċelesti - Dipartiment tal-Pulizija ta' Malta. Irid jitħallas dritt ta' €11.65 (Lm5) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 410/2007. Xogħlijiet ta' madum, granit u irħam fl-Iskola Sekondarja tas-Subien l-ġdida, Verdala, Bormla – Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada. Irid jitħallas dritt ta' €116.47 (Lm50) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Sal-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, l-24 ta' Jannar, 2008, għal:

CT 403/2007. Studji u servizzi ta' mmaniġġar tal-proġett biex titwaqqaf entità biex tirrispondi għat-tixrid taż-żejt għall-protezzjoni ta' l-ibħra Maltin – Awtorità Maritima ta' Malta. Irid jitħallas dritt ta' €116.47 (Lm50) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Dan huwa *Services Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din hi offerta mħallsa parzjalment taħt l-EEA Grants 2007-2009.

(*Budget* Allokat: €220,002.51 (Lm94,446.00) mingħajr V.A.T.).

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-22 ta' Novembru 2007.

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-28 ta' Jannar, 2008, għal:

CT 408/2007. Provvista ta' *heavy vehicle equipment training simulator* għall-operaturi u sewwieqa tal-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u t-Teknoloġija - Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u t-Teknoloġija. Irid jitħallas dritt ta' €116.47 (Lm50) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Dan huwa *Supplies Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din hi offerta mħallsa parzjalment mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ERDF) - Ninvestu fil-Futur Tiegħek.

(*Budget* Allokat: €721,449.00 (Lm309,718.00) mingħajr V.A.T.).

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-3 ta' Diċembru 2007.

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) javża għal informazzjoni ta' kulħadd illi din is-sejħa għal offerti qiegħda tiġi kkanċellata.

Sal-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, il-31 ta' Jannar, 2008, għal:

CT 384/2007. Xogħlijiet ta' kostruzzjoni għall-Proġett tal-Villaġġ tas-Snajja' f'Ta' Qali - Ministeru għall-Iżvilupp Urbani u Toroq. Irid jitħallas dritt ta' €465.88 (Lm200) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fil-5 ta' Novembru 2007.

The EU Contract Notice was dispatched on 28th November 2007.

CT 409/2007. Supply of blue pullovers - Malta Police Department. A fee of €11.65 (Lm5) will be charged for each copy of tender document.

CT 410/2007. Tiling, granite and marble works at the new Boys' Secondary School, Verdala, Cospicua – Foundation for Tomorrow's Schools. A fee of €116.47 (Lm50) will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 24th January, 2008, for:

CT 403/2007. Studies and project management services for the setting up of an oil spill response capability for the protection of Malta's seas – Malta Maritime Authority. A fee of €116.47 (Lm50) will be charged for each copy of tender document.

This is a Services Notice under the International Open Tender Procedure. This tender is part-financed under the EEA Grants 2007-2009.

(Allocated Budget: €220,002.51 (Lm94,446.00) excluding V.A.T.).

The EU Contract Notice was dispatched on 22nd November 2007.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 28th January, 2008, for:

CT 408/2007. Supply of a heavy vehicle equipment training simulator for operators and drivers at Malta College of Arts, Science and Technology - Malta College of Arts, Science and Technology. A fee of €116.47 (Lm50) will be charged for each copy of tender document.

This is a Supplies Notice under the International Open Tender Procedure. This tender is partially funded under the European Regional Development Fund (ERDF) - Investing in Your Future.

(Allocated Budget: €721,449.00 (Lm309,718.00) excluding V.A.T.).

The EU Contract Notice was dispatched on 3rd December 2007.

The Director General (Contracts) notifies for general information that this call for tenders is being cancelled.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 31st January, 2008, for:

CT 384/2007. Construction works at the Ta' Qali Crafts Village Project - Ministry for Urban Development and Roads. A fee of €465.88 (Lm200) will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 5th November 2007.

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, il-5 ta' Frar, 2008, għal:

CT/A/9/2007. Xiri ta' *fork lifter, truck, sweeper* u kompressur ta' l-arja għall-faċilitajiet ta' *dry standing* fil-Kavallerizza, Marsaxlokk – Diviżjoni ta' l-Affarijiet Veterinarji u Sajd. Kopja tad-dokument ta' l-offerta tista' titniżżel mill-*website* http://www.maltafisheries.gov.mt/news.asp

Dan huwa *Service Notice* taħt *Local Open Tender Procedure*. Din hi offerta mħallsa parzjalment mill-Programm tal-Fondi Strutturali Ewropej għal Malta 2004-2006.

(*Budget* Stimat: €63,359.68 (Lm27,200.00) mingħajr V.A.T.).

CT 411/2007. Xogħlijiet ta' rinforzar fid-Diviżjoni tal-Qrati tal-Ġustizzja. Irid jitħallas dritt ta' €116.47 (Lm50) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Sal-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, l-14 ta' Frar, 2008, għal:

CT 412/2007. *Enhancement of Occupational Skills of Support Staff* fl-Isptar San Luqa - Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u l-Kura tal-Komunità

Dan huwa *Services Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din hi offerta mħallsa parzjalment mill-Unjoni Ewropea taħt il-Programm tal-Fondi Strutturali għal Malta 2004-2006.

(*Budget* Allokat: €66,100.75 (Lm28,376.73) mingħajr V.A.T.).

CT 413/2007. Provvista u stallazzjoni ta' *turf* artifiċjali *(FIFA 2 Star Recommended System)* fil-*playground* tal-Mellieħa - Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada. Irid jitħallas dritt ta' €81.53 (Lm35) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, id-19 ta' Frar, 2008, għal:

CT/A/1/2008. *Malta South Sewage Transmission gallery* mill-Kalkara sa Ta' Baskat, limiti tax-Xgħajra - Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma. Kopja tad-dokument ta' l-offerta jista' jitniżżel mill-*website* http://www.wsc.com.mt

Dan huwa *Works Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din hi offerta mħallsa parzjalment mill-Unjoni Ewropea, Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, ERDF - Ninvestu fil-Futur Tiegħek.

(*Budget* Allokat: €2,318,891.22 (Lm995,488.63) mingħajr V.A.T.).

Sal-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, it-28 ta' Frar, 2008, għal:

CT 1/2008. Preparazzjoni ta' *Master Plan* għaċ-Ċittadella, il-belt fortifikata l-antika fil-gżira ta' Għawdex, Malta - Ministeru għal Għawdex. Irid jitħallas dritt ta' €115 (Lm49.37) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 5th February, 2008, for:

CT/A/9/2007. Procurement and delivery of a fork lifter, truck, sweeper and air compressor for the dry standing facilities at Kavallerizza, Marsaxlokk – Veterinary Affairs and Fisheries Division. A copy of the tender document can be downloaded from the website http://www.maltafisheries.gov.mt/news.asp

This is a Supplies Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender is partially funded under the European Structural Funds Programme for Malta 2004-2006.

(Estimated Budget: €63,359.68 (Lm27,200.00) excluding V.A.T.).

CT 411/2007. Reinforcement works at the Courts of Justice Division. A fee of €116.47 (Lm50) will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 14th February, 2008, for:

CT 412/2007. Enhancement of Occupational Skills of Support Staff at St Luke's Hospital - Ministry for Health, Elderly and Community Care.

This is a Services Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender is part-financed by the European Union under the European Structural Funds Programme for Malta 2004-2006.

(Allocated Budget: €66,100.75 (Lm28,376.73) excluding V.A.T.).

CT 413/2007. Supply and installation of artificial turf (FIFA 2 Star Recommended System) at the Mellieħa playground - Foundation for Tomorrow's Schools. A fee of €81.53 (Lm35) will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 19th February, 2008, for:

CT/A/1/2008. Malta South Sewage Transmission gallery from Kalkara to Ta' Baskat, limits of Xgħajra - Water Services Corporation. A copy of the tender document can be downloaded from the website http://www.wsc.com.mt

This is a Works Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender is partially funded under the European Regional Development Fund - Investing in Your Future.

(Estimated Budget: €2,318,891.22 (Lm995,488.63) excluding V.A.T.).

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 28th February, 2008, for:

CT 1/2008. Preparation of a Master Plan for the Cittadella - the old fortified city on the island of Gozo, Malta - Ministry for Gozo. A fee of €115 (Lm49.37) will be charged for each copy of tender document.

Dan huwa *Services Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din hi offerta ko-finanzjata mill-EEA: l-Islanda, Liechtenstein u n-Norveġja.

(*Budget* Allokat: €300,000.00 (Lm128,788.53) mingħajr V.A.T.).

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-3 ta' Jannar 2008.

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, l-4 ta' Marzu, 2008, għal:

*CT 2/2008. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' konkos tat-tip *ready mix* għal użu ġenerali u marittimu f'Malta (2008/2009) (Reġjuni tat-Tramuntana u Nofsinhar) lit-Taqsima tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fid-9 ta' Jannar 2008.

*Avviż li qed jidher għall-ewwel darba

Id-dokumenti ta' l-offerti jistgħu jinkisbu fuq applikazzjoni mid-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana, Tel. 21 220 212, Est. 128, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar. Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu wkoll jitħallsu permezz ta' sistema elettronika *point-of-sale* (EPOS) tal-Bank of Valletta.

L-offerenti huma avżati li jżuru l-*website* tad-Dipartiment tal-Kuntratti fuq http://contracts.gov.mt li tipprovdi informazzjoni dwar sejħiet ta' offerti u rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u reġistrazzjoni ta' l-offerti fil-ħin u d-data msemmija aktar 'il fuq.

Il-11 ta' Jannar, 2008

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf lill-offerenti kollha illi skond Klawsola 30 u Parti XIII tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi 2003, ir-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Kumitat Ġenerali għar-rigward ta' l-għoti ta' kuntratti pubbliċi se jkunu ppubblikati fuq in-*notice-board* tad-Dipartiment tal-Kuntratti nhar ta' Erbgħa u nhar ta' Ġimgħa wara nofsinhar. **L-offerenti jistgħu jiksbu din l-informazzjoni billi jużaw il-*polling facilities* fuq in-numru tal-*fax* 2122 6156.**

Kull offerent li jkollu xi oġġezzjoni għal xi rakkomandazzjoni jrid iressaq l-ilment uffiċjali tiegħu lid-Direttur Ġenerali (Kuntratti) skond parti XIII ta' l-imsemmija Regolamenti li tistabbilixxi fid-dettall il-proċedura li trid tkun segwita f'każ bħal dan. Huwa fl-interess ta' kull offerent li jkun jaf sewwa d-dettalji ta' din il-parti tar-Regolamenti.

Il-11 ta' Jannar, 2008

This is a Services Notice under the International Open Tender Procedure. This tender is co-financed by the EEA: Iceland, Liechtenstein and Norway.

(Allocated Budget: €300,000.00 (Lm128,788.53) excluding V.A.T.).

The EU Contract Notice was dispatched on 3rd January 2008.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 4th March, 2008, for:

*CT 2/2008. Period contract for the supply of ready mix concrete for general and maritime use in Malta (2008/2009) (North and South Region) to the Procurement Section of the Contracts Department.

The EU Contract Notice was dispatched on 9th January 2008.

*Advertisement appearing for the first time

Tender documents are obtainable on application from the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana, Tel. 21 220 212, Ext. 128 or on any working day between 8.30 a.m. and noon. A Bank of Valletta point-of-sale system (EPOS) is also available for the payment of tender documents.

Tenderers are advised to visit the website of the Department of Contracts at http://contracts.gov.mt which provides updated information concerning calls for tenders and General Contracts Committee recommendations.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and dates specified above.

11th January, 2008

The Director General (Contracts) notifies all tenderers that in terms of Clause 30 and Part XIII of the Public Contracts Regulations 2003, recommendations made by the General Contracts Committee for the award of public contracts will be given publicity in the Department of Contracts' notice-board every Wednesday and Friday after 12.00 noon. **Tenderers may also obtain this information by utilizing the polling facilities on fax number 2122 6156.**

Any tenderer who may feel aggrieved by any such recommendation must submit his official complaint to the Director General (Contracts) in accordance with part XIII of the said Regulations which lays down in detail the procedure to be followed in such a case. All tenderers should, therefore, familiarise themselves with the provisions of this part of the Regulations.

11th January, 2008

AVVIŻ TAD-DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

CT 384/2007. Xogħlijiet ta' kostruzzjoni għall-Proġett tal-Villaġġ tas-Snajja' f'Ta' Qali - Ministeru għall-Iżvilupp Urbani u Toroq. Irid jitħallas dritt ta' €465.88 (Lm200) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fil-5 ta' Novembru 2007.

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) javża għall-informazzjoni ta' kulħadd illi d-data u l-ħin biex jintbagħtu l-offerti għall-avviż imsemmi qed jiġu mtawwal sal-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, il-31 ta' Jannar, 2008.

Il-11 ta' Jannar, 2008

DEPARTMENT OF CONTRACTS NOTICE

CT 384/2007. Construction works at the Ta' Qali Crafts Village Project - Ministry for Urban Development and Roads. A fee of €465.88 (Lm200) will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 5th November 2007.

The Director General (Contracts) notifies for general information that the date and time for the presentation of offers for the above mentioned advert is being extended up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 31st January, 2008.

11th January, 2008

AVVIŻ TAD-DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

CT 408/2007. Provvista ta' *heavy vehicle equipment training simulator* għall-operaturi u sewwieqa tal-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u t-Teknoloġija - Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u t-Teknoloġija. Irid jitħallas dritt ta' €116.47 (Lm50) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Dan huwa *Supplies Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din hi offerta mħallsa parzjalment mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ERDF) - Ninvestu fil-Futur Tiegħek.

(Budget Allokat: €721,449.00 (Lm309,718.00) mingħajr V.A.T.).

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-3 ta' Diċembru 2007.

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) javża għal informazzjoni ta' kulħadd illi din is-sejħa għal offerti qiegħda tiġi kkanċellata.

Il-11 ta' Jannar, 2008

DEPARTMENT OF CONTRACTS NOTICE

CT 408/2007. Supply of a heavy vehicle equipment training simulator for operators and drivers at Malta College of Arts, Science and Technology - Malta College of Arts, Science and Technology. A fee of €116.47 (Lm50) will be charged for each copy of tender document.

This is a Supplies Notice under the International Open Tender Procedure. This tender is partially funded under the European Regional Development Fund (ERDF) - Investing in Your Future.

(Allocated Budget: €721,449.00 (Lm309,718.00) excluding V.A.T.).

The EU Contract Notice was dispatched on 3rd December 2007.

The Director General (Contracts) notifies for general information that this call for tenders is being cancelled.

11th January, 2008

AVVIŻ TAD-DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

CT 403/2007. Studji u servizzi ta' mmaniġġar tal-proġett biex titwaqqaf entità biex tirrispondi għat-tixrid taż-żejt għall-protezzjoni ta' l-ibħra Maltin – Awtorità Marittima ta' Malta. Irid jitħallas dritt ta' €116.47 (Lm50) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Dan huwa *Services Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din hi offerta mħallsa parzjalment taħt l-EEA Grants 2007-2009.

(Budget Allokat: €220,002.51 (Lm94,446.00) mingħajr V.A.T.).

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-22 ta' Novembru 2007.

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) javża għall-informazzjoni ta' kulħadd illi d-data u l-ħin biex jintbagħtu l-offerti għall-avviż imsemmi qed jiġu mtawwla sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, l-24 ta' Jannar, 2008.

Il-11 ta' Jannar, 2008

DEPARTMENT OF CONTRACTS NOTICE

CT 403/2007. Studies and project management services for the setting up of an oil spill response capability for the protection of Malta's seas – Malta Maritime Authority. A fee of €116.47 (Lm50) will be charged for each copy of tender document.

This is a Services Notice under the International Open Tender Procedure. This tender is part-financed under the EEA Grants 2007-2009.

(Allocated Budget: €220,002.51 (Lm94,446.00) excluding V.A.T.).

The EU Contract Notice was dispatched on 22nd November 2007.

The Director General (Contracts) notifies for general information that the date and time for the presentation of offers for the above mentioned advert is being extended up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 24th January, 2008.

11th January, 2008

DIPARTIMENT TA' L-ARTIJIET

Il-Kummissarju ta' l-Artijiet jgħarraf illi:-

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment ta' l-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta, sal-10.00 ta' filgħodu tal-Ħamis, il-31 ta' Jannar, 2008.

*Avviż Nru. 1. Bejgħ *tale quale* tal-Fond Nru. 25, Sqaq il-Mitħna, iż-Żejtun, kif muri fuq pjanta P.D.JO_32_2007. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' €10,000 (Lm4,293.00) skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta.

*Avviż Nru. 2. Bejgħ ta' sit fi Triq l-Alfier De Medran, Ħal Tarxien, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.JO_6_2005_A. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' €11,647 (Lm5,000.06) skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta.

*Avviż Nru. 3. Kiri, minn sena għal sena, ta' sit fil-limiti tas-Siġġiewi, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.2007_479. Min jagħmel l-offerta jrid isemmi l-iskop tal-kirja.

*Avviż Nru. 4. Kiri ta' *Store* Nru. 70Ċ, Triq Zekka, Valletta, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D. 2006_76. Din l-offerta hi soġġetta għad-dritt ta' l-ewwel rifjut.

*Avviż Nru. 5. Kiri, għal mhux anqas minn ħdax-il sena, tal-Ħanut vojt Nru. 8/10, Triq Ineż Soler, Santa Luċija, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.11_82_101. Din l-offerta hi soġġetta għad-dritt ta' l-ewwel rifjut.

*Avviż Nru. 6. Kiri tal-Ħanut vojt Nru. 3 (qabel Nru. 1), Triq il-Barrieri, Ħal Kirkop, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.48_83_13. Din l-offerta hi soġġetta għad-dritt ta' l-ewwel rifjut.

*Avviż Nru. 7. Kiri ta' Garaxx Nru. 6, Triq iċ-Ċipress, San Ġwann, muri bl-aħmar fuq pjanta L.D.135/81/26.

*Avviż Nru. 8. Kiri *tale quale* tal-Ħanut Nru. 28, Telgħet Liesse, Valletta, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.2007_931.

*Avviż Nru. 9. Kiri, minn sena għal sena, biex jintuża bħala ġnien, ta' sit quddiem id-Dar Nru. 6, Triq il-Ħuxlief, iż-Żejtun, muri bl-aħmar u mmarkat Nru. 4 fuq pjanta L.D.7/80/75. Dan is-sit huwa soġġett għal servitujiet ta' terzi, favur il-proprjetà adjaċenti.

*Avviżi li qegħdin jidhru għall-ewwel darba

L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kundizzjonijiet relevanti u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu mid-Dipartiment ta' l-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m.

LAND DEPARTMENT

The Commissioner of Land notifies that:-

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be dropped in the Tender Box at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta by 10.00 am on Thursday, 31st January, 2008.

*Advt. No. 1. Sale tale quale of Premises No. 25, Sqaq il-Mitħna, Żejtun as shown on plan P.D.JO_32_2007. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €10,000 (Lm4,293.00) as stipulated in the tender conditions.

*Advt. No. 2. Sale of a site in Triq l-Alfier De Medran, Tarxien, shown edged in red on plan P.D.JO_6_2005_A. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €11,647 (Lm5,000.06) as stipulated in the tender conditions.

*Advt. No. 3. Lease, on a year to year basis, of a site in the limits of Siġġiewi, shown edged in red on plan P.D. 2007_479. Tenderers are to state purpose of lease.

*Advt. No. 4. Lease of Store No. 70C, Old Mint Street, Valletta, shown edged in red on plan P.D.2006_76. This tender is subject to a right of first refusal.

*Advt. No. 5. Lease, for not less than eleven (11) years, of the bare Shop No. 8/10, Ineż Soler Street, Santa Luċija, shown edged in red on plan P.D.11_82_101. This tender is subject to a right of first refusal.

*Advt. No. 6. Lease of the bare Shop No. 3 (previously No. 1), Triq il-Barrieri, Kirkop, shown edged in red on plan P.D.48_83_13. This tender is subject to a right of first refusal.

*Advt. No. 7. Lease of Garage No. 6, Triq iċ-Ċipress, San Ġwann, shown edged in red on plan L.D.135/81/26.

*Advt. No. 8. Lease, tale quale, of Shop No. 28, Liesse Hill, Valletta, shown edged in red on plan P.D.2007_931.

*Advt. No. 9. Lease, on a year to year basis, for gardening purposes, of a site in front of House No. 6, Triq il-Ħuxlief, Żejtun, shown edged in red and marked No. 4 on plan L.D.7/80/75. This site is subject to third party servitudes in favour of adjacent property.

*Advertisements appearing for the first time

Tenders should be made only on the prescribed form which, together with the relevant conditions and other documents are obtainable from the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta, on any working day between

u 11.45 a.m. Irid jitħallas dritt ta' €11.65 (Lm5) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta. Il-ħlasijiet jiġu aċċettati biss b'ċekk jew *money order*. L-offerta tkun valida biss jekk ikollha magħha t-timbru uffiċjali tad-Dipartiment.

Il-11 ta' Jannar, 2008

TAQSIMA TAX-XOGĦLIJIET
U TAQSIMA TAS-SERVIZZI

Id-Diretturi Ġenerali, Taqsima tax-Xogħlijiet u Taqsima tas-Servizzi, jgħarrfu illi:–

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, it-18 ta' Jannar, 2008, fit-Taqsima tal-Kuntratti u x-Xiri, Taqsima tax-Xogħlijiet u Taqsima tas-Servizzi, il-Furjana, jintlaqgħu offerti/kwotazzjonijiet magħluqin għal:-

Avviż Nru. 02/08. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' *precast concrete half battered kerbs* lit-Taqsima tax-Xogħlijiet u t-Taqsima tas-Servizzi, il-Furjana.

Għandu jitħallas dritt ta' €34.94 (Lm15) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, il-25 ta' Jannar, 2008, fit-Taqsima tal-Kuntratti u x-Xiri, Taqsima tax-Xogħlijiet u Taqsima tas-Servizzi, il-Furjana, jintlaqgħu offerti/kwotazzjonijiet magħluqin għal:-

Avviż Nru. 1/08. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' ramel fin biex jiċċangaw il-ġonot lit-Taqsima tax-Xogħlijiet u t-Taqsima tas-Servizzi, il-Furjana.

Għandu jitħallas dritt ta' €23.29 (Lm10) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Kwot Nru. 1/08. Xiri ta' *mini sweeper trailer* għad-Dipartiment tal-Manifattura u Servizzi, Taqsima tas-Servizzi, il-Furjana.

Għandu jitħallas dritt ta' €23.29 (Lm10) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, l-1 ta' Frar, 2008, fit-Taqsima tal-Kuntratti u x-Xiri, Taqsima tax-Xogħlijiet u Taqsima tas-Servizzi, il-Furjana, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

*Avviż Nru. 03/08. Provvista, konsenja u kummissjunar ta' żewġ (2) *tipping double-cab vans* użati lid-Dipartiment tal-Manifattura u s-Servizzi, Taqsima tas-Servizzi, il-Furjana.

Għandu jitħallas dritt ta' €34.94 (Lm15) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

8.30 a.m. and 11.45 a.m. A fee of €11.65 (Lm5) will be charged for each copy of tender document. Payments are to be made only by cheque or money order. Tenders are only valid if they bear the official stamp of the Department.

11th January, 2008

WORKS DIVISION
AND SERVICES DIVISION

The Directors General, Works Division and Services Division, notify that:–

Sealed tenders will be received at the Contracts and Procurement Section, Works Division and Services Division, Floriana, up to 10.00 a.m. on Friday, 18th January, 2008, for:-

Advt. No. 02/08. Period contract for the supply of precast concrete half battered kerbs to the Works Division and Services Division, Floriana.

A fee of €34.94 (Lm15) is to be charged for the procurement of each tender document.

Sealed tenders will be received at the Contracts and Procurement Section, Works Division and Services Division, Floriana, up to 10.00 a.m. on Friday, 25th January, 2008, for:-

Advt. No. 1/08. Period contract for the supply of fine sand for paving joints to the Works Division and Services Division, Floriana.

A fee of €23.29 (Lm10) is to be charged for the procurement of each tender document.

Quot. No. 1/08. Purchase of mini sweeper trailer for the Manufacturing and Services Department, Services Division, Floriana.

A fee of €23.29 (Lm10) is to be charged for the procurement of each tender document.

Sealed tenders will be received at the Contracts and Procurement Section, Works Division and Services Division, Floriana, up to 10.00 a.m. on Friday, 1st February, 2008, for:-

*Advt. No. 03/08. Supply, delivery and commissioning of two (2) second hand tipping double-cab vans to the Manufacturing and Services Department, Services Division, Floriana.

A fee of €34.94 (Lm15) is to be charged for the procurement of each tender document.

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, it-18 ta' Jannar, 2008, fit-Taqsima tal-Kuntratti u x-Xiri, Taqsima tax-Xogħlijiet u Taqsima tas-Servizzi, il-Furjana, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

*Avviż Nru. 04/08. 04/08. Stampar ta' edizzjoni speċjali 'on site' 2008 lill-Kunsill Konsultattiv għall-Industrija tal-Bini fil-Ministeru għar-Riżorsi u Infrastruttura.

Għandu jitħallas dritt ta' €23.29 (Lm10) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

*Avviżi li qed jidhru għall-ewwel darba

Dina l-ittra qiegħda ssir senjatament iżda mhux limitatament għall-finijiet ta' interruzzjoni ta' preskrizzjoni u ai termini tal-Kap. 12 u Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tant biex tagħraf tirregola ruħek u biex jiġu evitati spejjeż u proċeduri inutili.

Bl-ispejjeż.

Mittenti: Britannia House, Melita Street, Valletta.

Intimat: 52, Triq il-Keffa, Swieqi.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 7 ta' Jannar 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 17th October 2007, in the records of the judicial letter number 4785/07, in the names Fogg Insurance Agencies Limited vs Abdul Magid, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Court of Magistrates (Malta) against Abdul Magid on the 20th August 2007, Fogg Agencies Limited (C-597) in the name and in representation of the foreign company Argus Insurance Company (Europe) Limited previously Norwich Union International Insurance Limited and the latter as subrogated in the rights of its insured Leonard Sammut on the basis of the insurance policy of the type comprehensive and the same Leonard Sammut (23971M) whilst referring to the car accident which occurred on the 26th March 2006, round about 10.35 a.m., in Valletta Road, Qormi, between the vehicle property of the interpellant Leonard Sammut with regiustration number LEO 111 and the vehicle driven by you with registration number JA1 746 call upon you so that within three (3) days you come forward to the liquidation and payment of all the consequential damages ….omissis……

The interpellants inform you that in case the term granted to you uselessly passes they shall have no alternative but to proceed further against you with all the means contemplated by Law.

This letter is being made especially but not limitedly for the purposes of interruption of prescription and in terms of Cap. 12 and 16 of the Laws of Malta.

So much so that you may know how to regulate yourselves and to avoid useless procedures.

With costs.

Interpellant: Britannia House, Melita Street, Valletta.

Respondent: 52, Keffa Street, Swieqi.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today 7th January 2008.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

58

Ikun jaf kulħadd, illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, permezz ta' digriet mogħti fid-19 ta' Ottubru 2007, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2183/07, fl-ismijiet Avukat Peter Caruana Galizia nomine vs Carmelo sive Charles Micallef u Josephine Kreuzberg, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat Carmelo sive Charles Micallef, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 5 ta' Ġunju 2007

Lil (a) Carmelo sive Charles Micallef (ID618359M)
u lil (b) Josephine Kreuzberg (ID 539862M)

Bil-preżenti ittra uffiċjali, l-Avukat Peter Caruana Galizia ID30056M bħala mandatarju tal-assenti Simone Scifo Diamantino jerġa' javżakom formalment illi l-fond wieħed u ħamsin (51) Triq il-Parroċċa, Żebbuġ, huwa propjetà tal-mandanti tiegħu bħala eredi ta' Antoinette Buckley li mietet fl-24 ta' Lulju 1977 u jinterpellakom biex fi żmien għaxart ijiem tersqu għal rexissjoni tal-kuntratt ta' donazzjoni ppubblikat minn Nutar Mark Anthony Sammut, fil-25 ta' Ġunju 1998, stante li ġie trasferit lilkom minn persuni li ma kellhomx titolu validu x'jittrasferixxu u kellhom il-pussess tal-fond bħala detenturi taħt titlu personali u mhux uti dominus u biex fl-istess terminu tirritornaw il-pussess battal ta' l-istess fond lill-mittenti stante li huwa okkupat minnkom mingħajr titlu legali.

Dina l-ittra uffiċjali qiegħda issir għall-finijiet ta' l-Artikolu 2143 Kap. 16 u fin-nuqqas jittieħdu proċeduri ġudizzjarji kontrikom mingħajr ma jingħata avviż ieħor.

Tant biex tagħrfu timxu.

Bl-ispejjeż.

Mittenti: 56, Triq Melita, Valletta VLT 12.

Intimati: 1(a) Carmelo sive Charles Micallef, 6, Triq Sidtna tad-Dawl, Ħaż-Żebbuġ.

(b) …Omissis…

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 7 ta' Jannar 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified, that the First Hall Civil Court, by means of a decree given on the 19th October 2007, in the records of the judicial letter number 2183/07, in the names Advocate Peter Caruana Galizia nomine vs Carmelo sive Charles Micallef and Josephine Kreuzberg, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Carmelo sive Charles Micallef, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

In the First Hall Civil Court

Today 5th June 2007

To (a) Carmelo sive Charles Micallef (ID 618359M)
and to (b) Josephine Kreuzberg (ID 539862M)

By the present judicial letter Advocate Peter Caruana Galizia ID30056M as mandatary of the absent Simone Scifo Diamantino formally advises you once again that the premises fifty one (51) Parish Street, Zebbug, is the property of his mandatory as heir of Antoinette Buckley who died on the 24th July 1977 and calls upon you so that within ten days you come forward for the rescission of the contract of donation published by Notary Mark Anthony Sammut, on the 25th June 1998, since it was transferred to you by persons who had no valid title to transfer and had possession of the premises as holders under a personal title and not uti dominus and so that within the same term you return the vacant possession of the same premises to the interpellant since it is occupied by you without a title at law.

This judicial letter is being made for the purposes of Article 2143 of Cap 16 and failing which judicial proceedings shall be taken against you without another notice being given.

So much so that you may know how to proceed.

With costs.

Interpellant: 56, Melita Street, Valletta VLT 12.

Respondents: 1(a) Carmelo sive Charles Micallef, 6, Sidtna tad-Dawl Street, Żebbug.

(b) …Omissis…

Registry of the Superior Courts, today 7th January 2008.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registry, Civil Courts and Tribunals

59

Ikun jaf kulħadd, illi in segwitu għar-Rikors ta' Christine Abramovic, Rikors numru 226/2006, ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) fis-6 ta' April 2006, fejn fost affarijiet oħra talbet li jiġu miftuħa u ppubblikati t-testmenti kemm sigrieti kif ukoll pubbliċi, li għandu jew seta' kellu f'Malta, Svetozar Abramovic, imwieled fl-ex Repubblika tal-Jugoslavja, żewġ l-istess rikorrenti, bin Yeljko u Ceda neé Mracovic, u li b' digriet tal-20 ta' Ġunju 2007, ġie ddikjarat assenti minn dawn il-Gżejjer, bla ma ttieħdu aħbarijiet dwaru mis-16 ta' Ġunju 1993.

Kull min għandu aħbarijiet li l-imsemmi Svetozar Abramovic għadu ħaj huwa mitlub li jagħtihom lir-Reġistratur tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) sabiex din il-Qorti tkun taf bihom fi żmien xahar li jibda jgħodd minn dik il-ġurnata li joħroġ dan l-editt fil-Gazzetta tal-Gvern.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 8 ta' Jannar 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that following an application of Christine Abramovic, Application number 226/2006, filed in the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) on the 6th April 2006, whereby amongst other things she asked that there be opened and published the secret and public wills which Svetozar Abramovic, son of Yeljko and Ceda neé Mracovic, born in the ex-Republic of Yugoslavia, had or could have had in Malta, who by decree of the 20th June 2007, was declared absent from these Islands, without any news being received about him since the 16th June 1993.

Whosoever has any news that the said Svetozar Abramovic is still alive is asked to pass them to the Registrar Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) so that this Court may know about them within one month which is to run from that day that the edict is published in the Government Gazette.

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) today 8th January 2008.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

60

Ikun jaf kulħadd, illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, permezz ta' digriet mogħti fit-18 ta' Ottubru 2007, fl-atti tar-Rikors numru 424/07 AL, fl-ismijiet AirMalta plc vs Young Daniel, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet AirMalta plc C 2685 vs Daniel Young ID 278180(M) fis-16 ta' April 2007, ir-rikorrenti AirMalta plc esponew bir-rispett u talbu lil din l-Onorabbli Qorti prevja kull dikjarazzjoni li tista' tkun neċessarja;

1. Tiddikjara illi l-konvenut huwa debitur tas-soċjetà attriċi fis-somma ta' €37,950.15 (Lm16,292.00) għar-raġunijiet imsemmija fir-rikors;

2. Tikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma ta' €37,950.15 (Lm16,292) lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-interessi, mid-data tal-preżentata tar-Rikors ġuramentat kontra l-konvenut li minn issa hu inġunt għas-subizzjoni.

Attur: Airmalta plc
Head Office, Vjal l-Avjazzjoni,
Luqa.

It is hereby notified, that the First Hall Civil Court, by means of a decree given on the 18th October 2007, in the records of the Application number 424/07 AL, in the names Airmalta plc vs Young Daniel, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of an Application filed in the First Hall Civil Court, in the names Airmalta plc C 2685 vs Daniel Young ID 278180(M) on the 16th April 2007, the applicant Airmalta plc, pleaded with respect asked that this Honourable Court saving any necessary declaration;

1. Declare that the defendant is a debtor of the plaintiff company in the sum of €37,950.15 (Lm16,292.00) for the reasons mentioned in the application;

2. Condemn the defendant to pay the sum of €37,950.15 (Lm16,292) to the plaintiff company.

With costs and interest, from the date of filing of the sworn Application, against the defendant, who is from now summoned so that a reference to his evidence be made.

Plaintiff: Airmalta plc
Head Office, Vjal l-Avjazzjoni,
Luqa.

Konvenut: Daniel Young
In-Nieqa,
Abbe de Vertot Street,
St. Julian's.

Ir-Rikors Numru 424/07 AL, fl-ismijiet Airmalta plc vs Daniel Young jinsab differit għat-22 ta' Jannar 2008, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 8 ta' Jannar 2008.

AVV. DOTT.FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Konvenut: Daniel Young,
In-Nieqa,
Abbe de Vertot Street,
St. Julian's.

The Application Number 424/07 AL, in the names Airmalta plc vs Daniel Young, has been put off to the 22nd January 2008, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 8th January 2008.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

61

Ikun jaf kulħadd, illi l-Qorti Ċivili Prim Awla, permezz ta' digriet mogħti fid-9 ta' Ottubru 2007, fl-atti tar-Rikors Numru 402/07 FS, fl-ismijiet HSBC Bank Malta plc et vs Aquilina Anthony et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-kjamat fil-kawża n-Nutar Dottor Sandro Schembri Adami, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177), Marisa Galea ID Nru. 193983M u Alexander Mifsud ID Nru. 88482M vs Anthony u Josette konjugi Aquilina (ID Nru 390784M u 302168M rispettivament) u n-Nutar Sandro Schembri Adami li ġie kjamat fir-rikors b'digriet tat-18 ta' Lulju 2007, fl-10 ta' April 2007; il-Bank rikorrenti espona bir-rispett u talab lil din Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara u tikkonferma l-bejgħ li sar fil-11 ta' Diċembru 2002 bejn il-vendituri konvenuti Anthony u Josette konjugi Aquilina (korrezzjoni awtorizzata b'digriet tad-9 ta' Ottubru 2007) u x-xerrejja Alexander Mifsud u Marisa Galea, fuq il-maisonette 132, Ta' Masrija, Triq il-Garni, Mellieħa.

2. Tiddikjara li r-rikorrenti Alexander Mifsud u Marisa Galea huma l-proprjetarji tal-fond 132, Ta' Masrija, Triq il-Garni, Mellieħa.

3. Tiddikjara mitluf il-kuntratt oriġinali ppubblikat min-Nutar Sandro Schembri Adami fil-11 ta' Diċembru 2002, fl-ismijiet Anthony Aquilina u martu Josette Galea u Alexander Mifsud u Marisa Galea.

4. Tordna lill-istess konvenuti sabiex fi żmien qasir u perentorju li jogħġobha tiffissa l-Qorti jaddivjenu sabiex jiffirmaw kuntratt ta' bejgħ oriġinali ieħor al fini ta' reġistrazzjoni tal-istess bejgħ fir-Reġistru Pubbliku.

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 9th October 2007, in the records of the Application Number 402/07 FS, in the names HSBC Bank Malta plc et vs Aquilina Anthony et, ordered the following publication for the purpose of service of the third party in the cause Notary Dr Sandro Schembri Adami, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of an Application, filed, in the First Hall Civil Court, in the names HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177), Marisa Galea (ID Number 193983M) and Alexander Mifsud (ID Number 88482M) vs Anthony and Josette spouses Aquilina (ID Number 390784M and 302168M respectively) and Notary Sandro Schembri Adami who was called into the suit by decree of the 18th July 2007, on the 10th April 2007, the applicant Bank pleaded with respect and asked this Honourable Court:

1.To declare and confirm the sale which was made on the 11th December 2002 between the defendant vendors Anthony and Josette spouses Aquilina (correction authorized by decree of the 9th October 2007) and the purchasers Alexander Mifsud and Marisa Galea regarding the maisonette 132, Ta' Masrija, Garni Street, Mellieħa.

2. To declare that the applicants Alexander Mifsud and Marisa Galea are the owners of the premises 132, Ta' Masrija, Garni Street, Mellieħa.

3. To declare lost the original contract published by Notary Sandro Schembri Adami on the 11th December 2002, in the names Anthony Aquilina and his wife Josette Galea and Alexander Mifsud and Marisa Galea.

4. To order the same defendants so that within a short and peremptory period which the Court shall fix they come forward to the signing of another original contract of sale for the purpose of registration of the same sale in the Public Registry.

5. Tistabbilixxi l-jum, ħin u lok għall-iffirmar tal-kuntratt fuq imsemmi, kif ukoll tinnomina Nutar biex jippubblika l-att opportun u kuraturi biex jirrapreżentaw lill-eventwali kontumaċi fuq dak l-istess att notarili.

6. Tikkundannahom iħallsu l-ispejjeż odjerni li emanew minħabba l-inadempjenza ta' l-obbligi tagħhom u tal-Mandat ta' Inibizzjoni ppreżentat kontestwalment.

Bl-ispejjeż …omissis…. kontra l-intimati li minn issa huma inġunti għas-subizzjoni.

Dikjarazzjoni ġuramentat .

Lista ta' xhieda.
Lista ta' Dokumenti.

Notifika kjamat in kawża: 99, Old College Str, Sliema.

Ir-Rikors Numru 402/07 FS, fl-ismijiet HSBC Bank Malta plc et vs Aquilina Anthony et jinsab differit għat-23 ta' Jannar 2008, fid-9.15 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 8 ta' Jannar 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

5. To establish a day, time and place for the signing of the contract above mentioned as well as appoint a Notary to publish the opportune act and curators to represent the eventual defaulters on the same notarial act.

6. To condemn them to pay the present expenses which resulted as a consequence of their obligations and of the Warrant of Prohibitory Injunction filed at the same time.

With costs ….omissis… against the respondents who are from now summoned so that a reference to their evidence be made.

Sworn declaration

List of Witnesses.
List of Documents.

Notify third party in the cause: 99, Old College Str, Sliema.

The Application Number 402/07 FS, in the names HSBC Bank Malta plc et vs Aquilina Anthony et has been put off to the 23rd January 2008, at 9.15 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 8th January 2008.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

62

Ikun jaf kulħadd, illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, permezz ta' digriet mogħti fit-23 ta' Ottubru 2007, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali 2869/07, fl-ismijiet Polidano Holdings Limited vs Alsan Enterprises Limited, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tas-soċjetà intimata B.D. Limited, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 20 ta' Lulju 2007

Lil (a) Alsan Enterprises Limited
(b) B.D. Limited

Bil-preżenti s-soċjetà Polidano Holdings Limited (C -1513) filwaqt tagħmel referenza għall-kuntratt ta' akkwist tal-24 ta' Jannar 1997, fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja, li permezz tiegħu s-soċjetà mittenti xtrat mingħand iż-żewġ soċjetajiet intimati, nofs indiviż ta' żewġ porzjonijiet ta' art f'Marsaxlokk kif deskritta aħjar fl-istess kuntratt, qed tinterpellakom u tavżakom li hija ser tfittixkom għad-danni kemm-il darba jiġi ddikjarat minn din il-Qorti, li parti mill-

It is hereby notified, that the First Hall Civil Court, by means of a decree given on the 23rd October 2007, in the records of the judicial letter 2869/07, in the names Polidano Holdings Limited vs Alsan Enterprises Limited, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent company B.D. Limited, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

In the First Hall Civil Court

Today 20th July 2007

To (a) Alsan Enterprises Limited
(b) B.D. Limited.

By the present, the company Polidano Holdings Limited (C -1513) whilst referring to the contract of acquisition of the 24th January 1997, in the records of Notary Mario Bugeja, in virtue of which the interpellant company purchased from the two respondent companies one-half undivided of two portions of land in Marsaxlokk, as better described in the same contract, is calling upon you and warning you that it shall sue you for damages, if it shall be declared by this Court, that part of the

proprjetà li intom bgħettu lis-soċjetà mittenti, fil-fatt ma kinetx tappartjeni lilhom iżda lil terzi.

Din l-ittra qed issir ai fini ta' preskrizzjoni.

Tant biex tagħrfu tirregolaw ruħkom.

Bl-ispejjeż.

Mittenti: Ħal Farruġ, l/o Luqa.

Intimat: (a) …omissis…
(b) B. D. Limited
The Rose, Triq Napuljun Caruana Dingli, Tarxien.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 8 ta' Jannar 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

property that you sold to the interpellant company, in fact did not belong to them, but to third parties.

This letter is being made for the purposes of prescription.

So much so that you may know how to regulate yourselves.

With costs.

Interpellant: Ħal-Farruġ, l/o Luqa.

Respondent: (a)…Omissis…
(b) B. D. Limited
The Rose, Napoleon Caruana Dingli Street, Tarxien.

Registry of the Superior Courts, today 8th January 2008.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

63

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-14 ta' Novembru 2007, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) ta' Fra Diego Street, Marsa, ippreżentaw Talba fit-28 ta' Frar 2007, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Darren Zammit ta' Flat 6, Qasam tal-Menħir, Blokk G, Kirkop, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €263.80 (Lm113.25) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (190/07ISB) hija differita għat-18 ta' Jannar 2008 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 8 ta' Jannar 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 14th November 2007, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) of Fra Diego Street, Marsa filed a Claim on the 28th February 2007 whereby they asked the Tribunal to condemn Darren Zammit of Flat 6, Qasam tal-Menħir, Block G, Kirkop, to pay the plaintiff company the sum of €263.80 (Lm113.25) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 190/07ISB) is put off on the 18th January 2008 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 8th January 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

64

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tas-26 ta' Ġunju 2007, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) ta' Fra Diego Street, Marsa, ippreżentaw Talba fis-16 ta' Jannar 2007, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Rita Vassallo (ID33479M) ta' Adonai, Triq il-Buqexrem, Fgura, sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €314.09 (Lm134.84) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (35/07PBC) hija differita għat-18 ta' Jannar 2008 fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 8 ta' Jannar 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 26th June 2007, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) of Fra Diego Street, Marsa filed a Claim on the 16th January 2007 whereby they asked the Tribunal to condemn Rita Vassallo (ID 33479M) of Adonai, Triq il-Buqexrem, Fgura, to pay the plaintiff company the sum of €314.09 (Lm134.84) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 35/07PBC) is put off on the 18th January 2008 at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 8th January 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

65

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fis-26 ta' Novembru 2007 ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Raymond Auto Dealer Limited (C9850) ta' Raymond Auto Dealer Showroom, Mdina Road, Żebbuġ, ippreżentaw talba fis-26 ta' Marzu 2007 fejn talbu lill-Qorti sabiex tikkundanna lil Carmelo Bugeja (ID 54564M) ta' 7, Flat Buckingham, Triq is-Sajjied, San Pawl il-Baħar, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €7,674.21 (Lm3,294.54) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali.

Il-kawża (Avviż Nru 89/07MM) hija differita għat-22 ta' Jannar 2008 fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 8 ta' Jannar 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Court of Magistrates (Malta) of the 26th November 2007, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Raymond Auto Dealer Limited (C9850) of Raymond Auto Dealer Showroom, Mdina Road, Żebbuġ, filed a Claim on the 26th March 2007, whereby they asked the Court to condemn Carmelo Bugeja (ID54564M) of 7, Flat Buckingham, Triq is-Sajjied, San Pawl il-Baħar, to pay the plaintiff company the sum of €7,674.21 (Lm3,294.54) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Notice Number 89/07MM) is put off to the 22nd January 2008 at 9.00 a.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 8th January 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

66

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fit-28 ta' Mejju 2007, fl-atti tal-ittra uffiċċjali numru 561/07, fl-ismijiet Fogg Insurance Agencies Limited vs Mario Camilleri, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Mario Camilleri, Tessmar, Nikol Montebello Street, Qormi, fit-30 ta' Jannar 2007, Fogg Insurance Agencies Limited (C -597) ta' Britannia House, Old Bakery Street, Valletta, filwaqt illi tagħmel referenza għall-inċident awtomobilistiku illi seħħ fis-6 ta' Marzu 2006, fl-Imtarfa, illi inti kont involut fih bil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni KAP 473, minnek assikurata mal-mittenti, tinformak għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Ligi illi, stante illi jidher kjarament illi inti kont taħti għall-akkadut, hija fi ħsieba tħallas lit-terzi involuti u cioè Middlesea Insurance plc …omissis… l-ammont ta' danni minnhom reklamat u cioè is-somma ta' €879.64 (Lm377.63), malli jiġu ppreżentati d-dokumentazzjoni u r-riċevuti relattivi.

Il-mittenti tinformak illi f'każ illi inti topponi tali pagament ta' €879.64 (Lm377.63), hija xorta waħda jista' jkollha teffettwa l-pagament skond il-Ligi (Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta) u wara tipproċedi kontra tiegħek skond il-Ligi (Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta) u wara tipproċedi kontra tiegħek b'kawża għall-ħlas ta' l-ispejjeż legali u ġudizzjarji kollha u l-interessi, li hija tista' tiġi kkundannata li tħallas għan-nom tiegħek.

Fl-aħħar nett, mingħajr preġudizzju għal dak kollu fuq premess, il-mittenti tinterpellak sabiex fi żmien tliet (3) ijiem tottempera ruħek mal-kundizzjonijiet tal-polza relattiva… omissis…

Din l-ittra uffiċjali qiegħda ssir għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Liġi u senjatament tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tant biex tagħraf tirregola ruħek.

Bl-ispejjeż u interessi legali.

Mittenti: Britannia House, Old Bakery Street, Valletta.

Intimat: Tessmar, Nikol Montebello Street, Qormi.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 8 ta' Jannar 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 28th May 2007, in the records of the judicial letter number 561/07, in the names Fogg Insurance Agencies Limited vs Mario Camilleri, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a judicial letter filed in the Court of Magistrates (Malta) against Mario Camilleri, Tessmar, Nikol Montebello Street, Qormi, on the 30th January 2007, Fogg Insurance Agencies Limited (C -597) of Britannia House, Old Bakery Street, Valletta, whilst referring to the car accident which occurred on the 6th March 2006, in Mtarfa, in which you were involved with the vehicle with registration number KAP 473, insured by you with the interpellant, informs you for all intents and purposes of Law that, since it appears clear that you were at fault for what happened, it intends to pay the third parties involved and that is Middlesea Insurance plc …omissis… the amount of damages claimed and that is the sum of €879.64 (Lm377.63), as soon as the relative documents and receipts are presented.

The interpellants informs you that in case that you oppose such payment of €879.64 (Lm377.63), it may still have the duty to affect payment according to Law (Chapter 104 of the Laws of Malta) and after proceed against you according to Law (Chapter 104 of the Laws of Malta) and after proceed against you, by a lawsuit for all the legal and judicial expenses and interests that it can be condemned to pay on your behalf.

Finally, without prejudice for all that premised, the interpellant calls upon you so that within three (3) days you abide with all the conditions of the relative policy… omissis...

This judicial letter is being made for all intents and purposes of Law and especially of Chapter 104 of the Laws of Malta.

So much so that you may know how to regulate yourselves.

With costs and legal interest.

Interpellant: Britannia House, Old Bakery Street, Valletta.

Respondent: Tessmar, Nikol Montebello Street, Qormi.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today 8th January 2008.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

67

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fil-10 ta' Diċembru 2007, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 4507/07, fl-ismijiet United Acceptances Finance Ltd vs Sullivan Peter et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Peter Sullivan (604460M) ta' 17, Triq il-Palazz Capua, Sliema, u David Franky Falzon (12087M) in solidum flimkien, u Sullivan Brigitte (138162M) bħala garanti in solidum ta' 17, Triq il-Palazz Capua, Sliema, fl-1 ta' Awissu 2007, United Acceptances Finance Ltd (C360) ta' BMW Building, 1st Floor, Rue D'Argens, Gżira, jinterpellakom sabiex fi żmien jumejn tħallsu s-somma ta' €9,706.29 (Lm4,166.91) import ta' kambjali, oltre l-imgħaxijiet legali mid-data ta' kull skadenza sal-pagament effettiv.

Intom avżati li għandkom id-dritt li topponu għall-esekuzzjoni ta' dawn il-kambjali permezz ta' rikors li għandu jsir fi żmien għoxrin jum minn notifika ta' dan l-att ġudizzjarju u dan ai termini tal-artikolu 253 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Dan l-att ġudizzjarju qed isir sabiex irendi l-imsemmija kambjali eżegwibbli ai termini tal-artikolu 256(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 9 ta' Jannar 2008

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree on the 10th December 2007, in the records of the judicial letter number 4507/07, in the names United Acceptances Finance Ltd vs Peter Sullivan et ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a judicial letter filed in the Courts of Magistrates (Malta) against Peter Sullivan (604460M) of 17, Triq il-Palazz Capua, Sliema, and David Franky Falzon (12087M) in solidum together, and Brigitte Sullivan (138162M) as surity in solidum (12087M) of 17, Triq il-Palazz Capua, Sliema, on the 1st August 2007, United Acceptances Finance Ltd (C360) of BMW Building, 1st Floor, Rue D'Argens, Gżira, called upon so that within two days you pay the sum of €9,706.29 (Lm4,166.91) value of bills of exchange, besides legal interest from the date of every maturity till the effective payment.

You are warned that you have the right to oppose the execution of these bills of exchange by means of an application that has to be done within twenty days from the service of this judicial act and this in terms of Article 253 Chapter 12 of the Laws of Malta.

This judicial act is being made to render executable the bills of exchange in terms of Article 256(2) of Chapter 12 of the Laws of Malta.

With costs.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 9th January 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

68

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fit-12 ta' Novembru 2007 ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

A to Z Electronics Limited (C 17791) ta' Mompalao Building, Tower Road, Imsida, ippreżentaw Talba fl-14 ta' Frar 2007 fejn talbu lill-Qorti sabiex tikkundanna lil Reuben Micallef, LL.D. ta' Office 3, Micallef/Sultana Court, Triq Bellavista, San Ġwann, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €4,569.30 (Lm1,961.60) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax.

It is hereby notified that by a decree of the Court of Magistrates (Malta) of the 12th November 2007, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

A to Z Electronics Limited (C17791) of Mompalao Building, Tower Road, Msida, filed a Claim on the 14th February 2007, whereby they asked the Court to condemn Reuben Micallef, LL.D. of Office 3, Micallef/Sultana Court, Triq Bellavista, San Ġwann, to pay the plaintiff company the sum of €4,569.30 (Lm1,961.60) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

Il-kawża (Avviz Nru 42/07SM) hija differita għat-23 ta' Jannar 2008 fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 9 ta' Jannar 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The case (Notice Number 42/07SM) is put off to the 23rd January 2008 at 9.00 a.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 9th January 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

69

B' dan l-Avviż ikun magħruf illi b' rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) fit-23 ta' Novembru 2007, minn Victor Debrincat u ibnu Victor John Debrincat, rikors numru 738/2007, fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur tagħhom u dan fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż kull wieħed is-SUĊĊESSJONI ta' Giovanna sive Joan Debrincat, mart l-istess Victor Debrincat, bint il-mejtin Emmanuel Muscat u Maria Teresa neé Gauci, imwielda u kienet toqgħod in-Naxxar u mietet Pietà fis-7 ta' Settembru 2007, ta' 72 sena u li kellha karta ta' l-identità numru 870934(M) u li mietet bla testament u għalhekk ġie ordnat il-ħruġ tal-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista' jkollu x'jaqsam fih.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b'nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur ta' l-Artikolu 537(1) et seq. tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 9 ta' Jannar 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by means of an application filed in the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) on the 23rd November 2007, by Victor Debrincat and his son Victor John Debrincat, application number 738/2007, whereby they asked that it be declared open in their favour and this in the quota of one-half (1/2) undivided share in favour of each one of them the SUCCESSION of Giovanna sive Joan Debrincat, wife of the same Victor Debrincat, daughter of the late Emmanuel Muscat and Maria Teresa neé Gauci, born and who resided at Naxxar and died in Pietà, on the 7th September 2007, aged 72 and who had identity card number 870934(M) and who died intestate and thus the issuing of the bann was ordered so that any interested party be notified.

Thus whoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition according to Article 537(1) et. seq. of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) today 9th January 2008.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

70

IKUN jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili, b'digriet tas-27 ta' Novembru 2007, ordnat il-korrezzjoni tal-Att ta' Mewt ta' Teresa Cossai li jġib in-numru 1211 tas-sena 2000 fis-sens illi fil-kolonna intestata "jekk hux miżżewweġ/miżżewġa jew le, armel jew armla" jitneħħa l-kliem "armla ta' Giorgio Cossai" u jiġi mibdul bil-kliem "mart Giorgio Cossai".

Reġistru tal-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Attijiet Nutarili

CHRISTINE MICALLEF
Għar-Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili

IT IS hereby notified in virtue of the powers conferred on it by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a decree dated the 27th day of November 2007, ordered the correction of the Act of Death of Teresa Cossai bearing number 1211 of the year 2000 in the sense that in the column entitled 'whether married or unmarried, widower or widow" be removed the words "widow of Giorgio Cossai" and be substituted by "wife of Giorgio Cossai".

Registry of the Court of Revision of Notarial Acts

CHRISTINE MICALLEF
F/Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

L-ammonti bil-lira Maltija huma bbażati fuq ir-rata ta' €1=Lm0.429300 u huma għal użu ta' informazzjoni biss
Values displayed in Maltese lira are based on the rate of €1=Lm0.429300 and are for information purposes only

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*